# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 109/01**

**Numru 15**

**Valeriano Schembri A&CE**

**vs**

**Frank Cachia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbghin lira (Lm340) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi professjonali resi lill-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-bonarja tat-28 ta' Jannar 2001 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat mal-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas ukoll l-imghax mid-data tal-avviz.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 u 9 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm340.00,0 bl-imghax legali mill-14 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Jannar 2001 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tal-14 ta' Frar 2001 msemmi fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur